**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 438 tal-10 ta' Marzu 2021 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Il-ħaġa definita li qed nitlob li l-Kamra taġġorna biex tiddiskuti hija s-sitwazzjoni li żviluppat b'mod allarmanti fl-aħħar ġranet u sigħat b'rabta mal-imxija tal-COVID 19 f'pajjiżna. Kif żgur taf Mr Speaker u kif żgur jaf il-poplu Malti u Għawdxi kollu, illum pajjiżna rreġistra rekord ta' 510 każ ta' persuna li rriżultat pożittiva għal COVID 19 fl-aħħar 24 siegħa. Illum il-ġurnata f'pajjiżna għandna aktar minn 3,100 persuna li hija infettata bil-COVID 19. Is-sitwazzjoni tant hija gravi li fl-Isptar Mater Dei kellha tinfetaħ il-ħames intensive therapy unit (ITU). Din hija sitwazzjoni ta' emerġenza li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod immedjat u b'mod deċiżiv mill-Awtoritajiet tas-Saħħa ta' pajjiżna.
>
> Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni skont l-Ordni Permanenti 13 għall-aġġornament tal-Kamra sabbiex tiddiskuti din il-ħaġa definita, ta' importanza pubbblika urġenti kif għadni kif spjegajt. Dan fl-interess nazzjonali u fl-interess tat-trasparenza.
>
> Ma jistax ikun li l-poplu Malti u Għawdxi qed jitkellem fuq dan is-suġġett u fl-istess waqt l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż ma tiddedikax ħin biex tiddiskuti din il-materja tant urġenti."

Is-Sedja qiegħda tqis li din id-dikjarazzjoni ġiet ippreżentata korrettement skont l-Ordni Permanenti 13.

Qabelxejn is-Sedja tirrileva li kull talba li titressaq għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13 jeħtieġ li tissodisfa tliet rekwiżiti:

> a) li tkun materja definita;
> b) ta' importanza pubblika; u
> ċ) urġenti.

Filwaqt li s-Sedja tikkondividi l-preokkupazzjoni espressa mill-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ispjega tal-ittra li ssottometta llum stess li l-materja mqajma *ai fini* tal-Ordni Permanenti 13 hija definita u ta' importanza pubblika, hija ttenni li hija tassattivament marbuta proċeduralment bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u kif dawn ġew applikati b'mod kostanti u regolari minn Speakers oħra qabli – partikolarment dwar l-aħħar kweżit. Kif diġà ddikjarat minn din is-Sedja u minn diversi Speakers oħra qabli, meta tiġi biex tikkkonsidra l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja tifhem il-preokkupazzjoni espressa mill-Kap tal-Oppożizzjoni u tikkondividi li jeżisti l-element tal-urġenza. Wara li semgħet l-intervent tal-Prim Ministru li fis-sigħat li ġejjin se jkunu qed jikkonsidraw flimkien mal-Awtoritajiet tas-Saħħa x'miżuri għandhom jittieħdu u li

immedjatament wara għandhom jitħabbru dawn il-miżuri addizzjonali biex jilqgħu għal din l-istess materja ta' urġenza nazzjonali, is-Sedja esprimiet ruħa b'dan il-mod:

> "Jien, peress li l-Mozzjoni li għandi quddiemi qed niddeċiedi fuqha, nixtieq inkun naf, wara din l-ispjegazzjoi tal-Prim Ministru, jekk hemmx xi possibbiltá lis ssir id-diskussjoni f'xi mument, kemm jista' jkun qrib, wara li jitħabbru l-miżuri."

Wara li reġgħet semgħet kemm lill-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni li baqa' jinsisti fuq l-importanza tal-materja u nikkwota:

> "Il-Prim Ministru jrid jgħdilna iva jew le jekk iridx iċaħħad l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż minn diskussjoni fuq l-aktar ħaġa serja li qed taffettwa lill-kull Malti u lil kull Għawdxi."

U wara li l-Prim Ministru fit-tweġiba tiegħu wera ruħu propens, anzi kkommetta ruħu, li l-Kamra tiddiskuti din il-materja fl-ewwel opportunità wara li jitħabbbru dawn il-miżuri, is-Sedja għalhekk qiegħda tiddeċiedi li  immedjatament għada l-Ħamis għandha ssir seduta filgħodu fejn isir id-dibattitu rikjest fil-mozzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni u li matulu jkunu jistgħu jiġu wkoll diskussi l-miżuri li se jitħabbru iktar tard illum stess fis-sigħat li ġejjin.

Peress li għada l-Ħamis hija ġurnata tal-Oppożizzjoni is-Sedja tara li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-mozzjoni, is-Seduta ta' għada ma taffettwax id-dritt tal-alternanza tal-Oppożizzjoni li tutilizza s-seduta tal-Ħamis skont il-Mozzjoni 46 mgħoddija fis-Seduta 20 tad-19 ta' Lulju 2017

Il-Kamra għalhekk issa se tkompli bix-xogħol tagħha.